MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003

Numru. 34/1997
Kawza Numru. 2

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**

**- vs -**

**MARTIN VELLA**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Martin Vella ta' tmienja u ghoxrin (28) sena, bin Carmel u Margaret nee` Azzopardi, residenti Nru 79, Triq Santa Katerina, Xewkija, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru. 11869 G) kif riportati a fol 1 tal-process bil-mod segwenti:

"Talli fis-6 ta' Gunju 1997 ghall-habta tas-6:15 p.m. fi Triq l-Gharus, Xewkija, Ghawdex:

1. Volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

2. Verbalment hedded lil Ruben Farrugia mix-Xewkija;

3. Hebb kontra l-persuni ta' Ruben Farrugia u John Grima mix-Xewkija u kkagunalhom griehi ta' natura hafifa skond ic-certifikat ta' Dr Martin Cutajar M.D. ta' l-Isptar Generali t'Ghawdex;

4. Talli volontarjament ikkawza hsara fil-'camera' tar-ritratti li tiswa sebghin lira Maltin (Lm70) b'detriment ghal George Cauchi mix-Xewkija, Ghawdex.

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9";

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex l-imputat ikun gudikat minn din il-Qorti ghal dak li hemm mahsub fl-artikoli 221, 325 (b), 339 (d) (e), 338 (dd), 383, 18, 17 u 31 tal-Kap 9 u li l-imputat ma oggezzjonax sabiex il-kaz tieghu jkun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat illi din il-kawza nstemghet flimkien ma' tliet kawzi ohra u cioe` "Il-Pulizija –vs- Carmel Vella", "Il-Pulizija –vs- John Vella" u "Il-Pulizija –vs- Rueben Farrugia, Noel Farrugia u George Cauchi". Jirrizulta illi wara habta bejn zewg vetturi wahda misjuqa minn Rueben Farrugia u ohra minn Helen Vella, familjari ta' Helen Vella gew fl-idejn ma' Rueben Farrugia, Noel Farrugia u George Cauchi.

Minkejja t-tul tad-depozizzjonijiet, din il-Qorti hi tal-fehma li z-zewg ufficcjali tal-Pulizija li kienu qed jaghmlu l-konstatazzjonijiet taghhom dwar il-habta qalu biss il-verita` u l-verzjoni taghhom hijia korraborata minn hafna aspetti tal-kaz.

Jirrizulta illi waqt li Rueben Farrugia u Helen Vella kienu qed jistennew lill-Pulizija taghmel notamenti dwar il-habta, tfacca Carmel Vella u Rueben Farrugia esklama li kien wasal “l-espert”. Farrugia kien qed jiehu xi ritratti tal-habta meta Vella tah daqqa ta’ ponn fuq wiccu, waslu t-tfal ta’ Vella u qabzu fuq Farrugia, kollha jtuh. Fl-incident tkissret il-kamera tar-ritratti ta’ George Cauchi.

Il-Qorti ghalhekk issib lill-imputat hati ta’ l-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuzi. Stante li r-raba akkuza ma tirrizultax ma ssibux hati u tilliberah minnha;

Rat l-artikoli 338 (dd), 339 (1) (d) u (e) u 221 tal-Kap 9;

Rat il-Fedina Penali ta’ l-imputat;

Tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ tletin lira Maltin (Lm30).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------